RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1975 tas-7 ta' Awwissu 2017 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-kadmju f'dijodi li jemmettu d-dawl permezz tal-konverżjoni tal-ilwien (LEDs) għall-użu f'sistemi ta' turija

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew L 281 tal-31 ta' Ottubru 2017)

F'paġna 30, l-Artikolu 2(1),

minflok: "1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [12 months after the date of entry into force of this directive], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [12 months after the date of entry into force of this directive + 1 day].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.",

aqra: "1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-20 ta' Novembru 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għalhekk għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-21 ta' Novembru 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.";

F'paġna 31, l-Anness, it-tabella, it-tielet kolonna,

minflok "Tiskadi għall-kategoriji kollha fi żmien [two years after the publication of the Delegated Directive in the Official Journal]",

aqra: "Tiskadi għall-kategoriji kollha fil-31 ta' Ottubru 2019.".